**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 8/07(28_09_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fit-3.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Settembru 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Kumitat għar-raħal żgħir tax-Xlendi.
6. Tqassim ta' responsabilitajiet lil membri tal-Kunsill.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Jum il-Munxar 2007.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Ruth Micallef, MEPA rigward Applikazzjoni PA4584/06 – *To sanction change of use from poultry farm to cow farm as a relocation of a cow farm relocated from St. Paul Street, Munxar* fi Triq Żgħawri, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li din l-applikazzjoni ser tkun Addendum għal-laqgħa tad-DCC tal-24 ta' Settembru 2007.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2007 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proċess għall-Bidla għall-Ewro'. Huwa irrefera għat-taħditiet li saru mal-ITS, l-Aġenti tas-SAGE *software* biex jinstab l-aħjar mezz sabiex is-SAGE *programme* ikun kompatibbli għall-Ewro. Huwa spiega l-ftehim li sar u informa lill-Kunsilli bil-passi li jridu jieħdu sabiex jibbenefikaw minn dan il-ftehim.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Joseph FX Zahra, Chairman, National Euro Changeover Committee u s-Sur Michael C Bonello, Governor, Central Bank of Malta rigward il-konferenza 'EMU Governance and Euro Changeover: Malta on the path to the euro', li ser issir fl-1 t' Ottubru 2007, fil-Westin Dragonara Resort, San Ġiljan.

2.04 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari DPHC Circ 01/07 mingħand id-Dipartiment tal-Kura Primarja rigward 'Influenza Vaccine Campaign 2007'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jimxi skond kif indikat fuq din l-ittra u jibgħat il-lista ta' dawk ir-residenti li huma interessati, sat-30 ta' Settembru 2007, sabiex it-tilqim jibda f' nofs Ottubru.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b' kopja ta' permess ta' *Mobile Kiosk* li ser jopera fix-Xlendi. Din l-Assoċjazzjoni qed tirċievi numru ta' kopji ta' ħruġ ta' permessi tal-*Mobile Kiosks* permezz tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u ser jgħaddihom lill-Kunsill konċernat għall-benefiċċju tal-Kunsill.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet'. Huwa bagħat kopja ta' ittra li din l-Assoċjazzjoni irċeviet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Ta' Nona Bar, Xlendi kif jidher fil-pjanta mehmuża mal-ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet'. Huwa bagħat kopja ta' ittra li din l-Assoċjazzjoni irċeviet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Bonitos Restaurant, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi kif jidher fil-pjanta mehmuża mal-ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lill-Enemalta Electricity Division. Dan kien rigward sit fi Triq Ras il-Bajjada minħabba żvilupp mingħajr permess li jkkonsisti fi twaħħil ta' arbli fi proprjeta' skjedata.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 04493/07 – *To construct penthouse and sanction roof balconies*, fi Triq is-Sienja, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 05327/07 – *To amend approved drawings in permission PA1749/07*, fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq Munxar, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms MaryAnne Bajada, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u għall-Intern rigward Permess Nru: PA 01150/00 – *To clear water course from accumulated debris* fil-Wied tax-Xlendi, Xlendi. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdilha diversi pjanti tal-proġett bix-xogħol immarkat l-aħmar u ffirmati mill-Perit. Hija fakkret ukoll illi l-permess jiġi invalidu jekk jinbeda x-xogħol qabel ma jkun hemm *clearance* minn dan id-Dipartiment.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05213/07 – *Alterations and additions to existing building*, fi Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Carine Callus, Information Officer, National Euro Changeover Committee (NECC) rigward il-'Euro International Conference' li hija miftuħa għas-Sindki u li ser issir fl-1 t' Ottubru 2007.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Ruth Micallef, MEPA rigward Applikazzjoni PA1718/03 – *To construct a cattle farm for the purpose of relocating existing farm presently adjacent to Gozo General Hospital* fi Triq Żgħawri, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li din l-applikazzjoni ser tkun inkluża fid-DCC Agenda, Division A tas-26 ta' Settembru 2007.

2.14 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra u *Press Releases* li s-Sur George Saliba mill-Uffiċċju Elettorali bagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'October 2007 Electoral Register'. Huwa ta l-indirizz elettroniku minn fejn l-Uffiċini li jkollhom bżonn ta' aktar formoli ta' applikazzjonijiet sabiex jiżdied votant ġdid, tibdil ta' indirizz jew kunjom jew issir xi korrezzjoni, jkunu jistgħu jġibu dawn l-applikazzjonijiet.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sidien ta' sit fil-limiti tal-Munxar. Dan kien rigward sit fl-*area* Ta' Sufa minħabba żvilupp mhux skond il-permess u l-pjanti approvati f' PA 02310/97, li jikkonsisti fi bdil ta' l-użu minn razzett għat-trobbija tat-tjur għal żona industrijali.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Lawrence Gonzi, Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi fejn ġie ippreżentat id-dokument ta' qabel il-Baġit. Dan qed isir għaliex jixtiequ jiddiskutu mal-Kunsill għax jemmnu li l-kontribuzzjoni tal-Kunsill tgħin fil-preparazzjoni ta' baġit aħjar.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Rita Scicluna, JCI Malta rigward 'The Outstanding Young Person Award (TOYP)'. Hija tat xi dettalji rigward dan il-premju u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jagħmel in-nomini tiegħu sas-26 t' Ottubru 2007.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement rigward l-attendenza tar-Rappreżentanti fil-laqgħat ta' dan il-Kumitat. Huwa sostna li hemm nuqqas ta' attendenza u saħaq fl-importanza li r-Rappreżentanti kollha jew sostituti tagħhom jipparteċipaw fil-laqgħat magħmula apposta.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Elaine Burmingham, Chairperson, Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali rigward 'Konsum ta' Alkaħol minn Minorenni'. Hija spiegat ftit rigward il-liġi l-ġdida li ħarġet sabiex tirregola l-konsum ta' l-alkaħol minn minorenni u r-rwol tal-'Focus Group' li bħalissa għaddejja kampanja ta' informazzjoni dwar din il-liġi. Hija inkludiet numru ta' *leaflets* u talbet lill-Kunsill sabiex jagħmilhom aċċessibbli għall-pubbliku interessat.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Vincent Micallef Pule', Direttur, Direttorat tat-Trasport Pubbliku fejn ħabbar il-kariga ġdida tiegħu ta' Direttur. Huwa saħaq sabiex inkomplu naħdmu id f' id kif dejjem sar mad-Diretturi ta' qablu u talab lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah f' kull bżonn li jista' jkun ta' għajnuna.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Robert Farrugia, Marketing & Fundraising Manager, The Eden Foundation rigward l-'Edenfest '07' li ser issir fit-30 ta' Settembru 2007. Huwa ta xi tagħrif rigward din il-Fondazzjoni u dwar il-Maratona ta' ġbir ta' fondi li ser tixxandar fuq lis-stazzjonijiet televiżivi kollha. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex bil-preżenza tiegħu u forsi b' xi donazzjoni jkun ta' sapport, approvazzjoni u inkuraġġiment għal din l-Organizzazzjoni.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Norman Vella, XARABANK team rigward il-programm Xarabank. Huwa informa lill-Kunsill li għandhom bżonn l-għajnuna tal-Kunsill billi l-Kunsill jinfurmahom b' kull attivita', kull avveniment u kull informazzjoni u talbu wkoll lill-Kunsill sabiex jissuġġerixxi persuni li jixtiequ jkunu fil-programm Xarabank tul l-iskeda l-ġdida.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Marco Attard Portughes, Team Manager PMPDU, MEPA, rigward PC (Zoning) File PC: 0004/07 (S2-1) fi Triq il-Kantra, Xlendi. Huwa informa lill-Kunsill li irċieva l-ittra tal-Kunsill datata 8 t' Awissu 2007, inkluż l-ittra ta' oġġezzjoni u ħabbar il-*Curren File Status* ta' dan il-każ.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Riforma fil-Ġbir ta' Skart u WasteServ Limited'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jibgħat il-kummenti tiegħu rigward ir-riforma fil-ġbir ta' skart u jibgħat ukoll lista fil-qosor ta' l-affarijiet pendenti li għandu mal-WasteServ Limited sabiex jiġu diskussi mal-Kumpanija permezz ta' l-Assoċjazzjoni. Dan għandu jsir sa mhux aktar tard mit-12 t' Ottubru 2007.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Information Officers, National Euro Changeover Committee (NECC) rigward 'Proċess għall-Bidla għall-Euro'. Huma irringrazzjaw lill-Kunsill tal-koperazzjoni tiegħu u talli laqa' l-istedina tagħhom sabiex jiġu organizzati laqgħat għan-nisa tad-dar u jekk jintwera interess mill-pubbliku inġenerali, l-Kunsill ġie mitlub li jiġu organizzati sessjonijiet apparti. Huma saħqu l-importanza li l-Kunsill jinforma l-membri tal-komunita'.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Lulju 2007, flimkien mal-Gozo Joint Committee Annual Audit Report u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.27 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL/Ċirk/40/2007 mingħand Dr Ian Micallef, Kap tad-Delegazzjoni Maltija (EPP-COR), is-Sur Noel Formosa, Viċi-President (EPP-COR) u s-Sinjura Doris Borg, Membru (EPP-COR), Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Konferenza mill-COR-EPP f' Malta'. Mehmuż kien hemm l-istedina għall-Konferenza li jistgħu jattendu s-Sindku, Viċi-Sindku u Kunsillieri Nazzjonalisti.

2.28 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL/Ċirk/71/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex' li ser issir fis-6 t' Ottubru 2007, f' Dar il-Mediterran, Valletta. Reġistrazzjoni u l-ħlas dovut għandhom isiru sa mhux aktar tard mit-2 t' Ottubru 2007.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra u t-*timetable* tat-trasport għall-istudenti ta' l-Iskejjel Sekondarji mingħand is-Sur Emanuel Sciberras, Supervisor, Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni. Huwa enfasizza l-importanza li l-ilmenti għandhom jiġu irrapportati minnufih lil dan l-Uffiċċju.

2.30 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL/Ċirk/72/2007 mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ġimgħa ta' Demokrazija Lokali'. Il-Kunsill ġie informat li bdew it-tħejjijiet kif imfissra fil-preżentazzjoni li saret mill-Viċi-President ta' l-Assoċjazzjoni. Peress li għal ċerti intizjattivi jeħtieġu permessi, l-Kunsilli ser jiġu infurmati bl-iżviluppi kollha li jkun hemm. Anness kien hemm formola sabiex il-Kunsill jindika liema attivitajiet jixtieq jagħmel fil-lokalita' tiegħu u tiġi irritornata lilhom.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita'. Din il-Kummissjoni qiegħda torganizza diversi attivitajiet matul din is-sena sabiex tfakkar is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs u wkoll l-Għoxrin Anniversarju mit-twaqqif tagħha. Fit-2 ta' Novembru 2007, ser jorganizzaw quddiesa fejn fiha jsir talb għall-persuni b' diżabilita' u attivisti oħrajn li għad li llum m' għadhomx magħna, matul ħajjithom ħadmu favur kwalita' ta' ħajja aħjar għall-persuni b'diżabilita'. Huwa bagħat formola sabiex il-Kunsill jagħti informazzjoni dwar persuni li ħadmu f' dan il-qasam u llum ġew nieqsa.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Maratona b' Risq Għabex'. Huwa bagħat formola ta' reġistrazzjoni u l-ħlas u ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jattendi għal din il-Maratona li ser issir fit-12 t' Ottubru 2007.

2.33 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Nick Archer, High Commissioner, British High Commission Malta fejn stieden lill-Kunsill għall-Kunċert li ser isir minn The Voices of Pembroke Choir ta' Wales, fl-4 t' Ottubru 2007, fir-residenza tiegħu. Dan qed isir sabiex jiġi iċċelebrat is-suċċess tal-Ġemellaġġ bejn Pembroke ta' Wales u Pembroke ta' Malta.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet mill-Inġinier Joseph Bajada lill-Perit Walter Portelli inkarigat mix-xogħlijiet tat-toroq fid-daħla tal-Munxar fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex. L-Inġinier Bajada informa lill-Perit Portelli li l-ispralli ta' l-ilma fi Triq Marziena, Triq Santa Dminka u fi Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina saru għal xejn għax dan ġie żvelat ma' l-ewwel xita li għamlet fil-25 ta' Settembru 2007. Huwa qed jitlob sabiex jitranġaw kemm jista' jkun malajr u b' mod iktar professjonali u jekk dan ix-xogħol jibqa' ma jsirx ma jkollux triq oħra ħlief li jipproċedi legalment kontra min kien inkarigat minn dawn ix-xogħlijiet. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministru għal Għawdex dwar din il-problema.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Alfred Grech mill-Munxar fejn informa lill-Kunsill li kien għadu kemm iltaqa' mat-tifel tal-Professur Ġużè' Aquilina li huwa tabib. Fost ħwejjeġ oħra tkellmu dwar missieru u raħal twelidu, jiġifieri l-Munxar. Is-Sur Grech infurmah dwar l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali li jsir monument li jfakkar lil dan il-patrijott Malti. Dr Aquilina wera ħafna interess u qal li lest li jgħin f' din l-inizjattiva. Huwa diġa' għandu bust tal-ġibs li kien sar meta missieru kien għadu ħaj. Huwa kien lest li jagħti kontribut finanzjarju sustanzjali biex isir bust tal-bronż fuq dan l-abbozz. Huwa jippreferi bust għax f' bust jispikkaw iktar il-fattizzi tal-wiċċ. Ġie deċiż mill-Kunsill li ssir laqgħa ma' Dr Aquilina biex jiġi deċiż jekk isirx bust jew monument ta' figura sħiħa.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumpanija Where's Everybody?, fejn qed jiġi propost biex *team* mill-Munxar jieħu sehem fil-programm 'Ħadd Għalik?' Jekk kemm il-darba l-Kunsill m' huwiex interessat jipparteċipa, l-għaqdiet tar-raħal jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipparteċipaw. Għandu jsir ħlas ta' Lm50 *(€116.47)* sabiex it-*team* jipparteċipa. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jipparteċipax.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern dwar il-proposta li jitpoġġew imwejjed fuq il-bankina quddiem ir-Restaurant Silver Seas fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Mal-faċċata tal-proprjeta' tiegħu tinsab niċċa ta' San Ġużepp u li jixtieq li jirregalaha lill-Kunsill sabiex titpoġġa f' post prominenti fl-istess bajja. Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar post l-aktar adattat għal din in-niċċa. Ġie deċiż li l-post jiġi deċiż aktar tard.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Bird Breeders Society. Huma qed jitolbu lill-Kunsill jisponsorja *trophy* li jiswa Lm20 *(€46.59)* biex jingħata lil dak il-membru mill-Munxar li jikseb l-aktar suċċess waqt il-Wirja Annwali li ser issir fil-Gozo Sports Complex fis-17 u fit-18 ta' Novembru 2007. Il-Kunsill qabel li jisponsorja t-*trophy* billi jħallas għat-*trophy*.

3.07 Fil-ħarġa tal-Gazzetta 'The Times' tat-13 ta' Settembru 2007, dehret ittra dwar tabelli ta' *No Entry* fit-tarf ta' Triq ir-Rabat, Xlendi. F' din l-ittra ġie żvelat li l-Pulizija ma hijiex qed tieħu passi kontra dawk li jidħlu bil-karozzi fl-*area* fejn hija *No Entry*. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lis-Supretendent t' Għawdex biex niġbdulu l-attenzjoni dwar dan.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar il-*Web Cam* tal-Kunsill. Din il-persuna faħħret l-inizjattiva u qed tissuġġerixxi li tkun tidher anke' s-sema. Kien hemm qbil dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 8/07(28_09_07).

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kont ta' Lm5 (€11.65) mingħand Office Club bid-data ta' 12 t' April 2005. Is-Sur Mark Bajada li dak iż-żmien kien Viċi-Sindku kien xtara *top up card* iżda l-Kunsill ma kienx approvah. Issa peress li sid l-Office Club qed jitlob il-ħlas, il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk dan il-kont jitħallax jew le. Ħadd ma qabel li dan il-kont għandu jitħallas mill-Kunsill u s-sid tal-Office Club kien ser jiġi avżat dwar din id-deċiżjoni.

**5.00 Kumitat għar-raħal żgħir tax-Xlendi.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li saret sejħa mar-residenti tax-Xlendi biex juru x-xewqa li jkunu membri tal-Kumitat, kien irċieva erba' talbiet mingħand dawn:

Ms Ramona Mercieca
Is-Sur Emanuel Bajada
Is-Sur Peter Paul Sciberras
Is-Sur Martin Isherwood

Kien hemm qbil unanimu li dawn l-erba' persuni jinħatru membri tal-Kumitat tax-Xlendi.

**6.00 Tqassim ta' responsabilitajiet lil membri tal-Kunsill.**

6.01 Is-Sinjura Carmen Said ikkwotat l-artikli tal-Liġi fejn jirrigwardja dawn ir-responsabilitajiet. Is-Sindku ħa nota u kien ser jiċċekkja dwarhom.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-pjanta tat-toroq ta' quddiem il-Kunsill kienet intbagħtet lis-*Surveyor* tal-Works Division. Huwa ser jiġi jimmarka fejn ġejjin il-bankini. Is-Sur Joseph Spiteri, l-Kuntrattur li rebaħ is-sejħa għall-offerti għat-tieni fażi tal-*Playing Field* intalab jibda l-proċess biex ikun jista' jibda. Is-Sindku kien ser jikteb ittra dwar il-ħajt li għandu jinbena fit-Triq Santa Dminka.

**8.00 Jum il-Munxar 2007.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Parroċċa ser tibda ċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena Parroċċa propju minn Jum il-Munxar. Għaldaqstant huwa qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jiltaqa' mal-Kappillan biex jiġi ifformulat programm ta' attivitajiet. Kien hemm qbil dwar din il-proposta tas-Sindku.

Il-ħin kien is-6.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għall-4 t' Ottubru 2007, fl-4.00 ta' filgħaxija u titkompla l-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet nhar il-Ħamis, 4 t' Ottubru 2007 u bdiet fl-4.00 ta' filgħaxija.
Preżenti; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill iddeċieda li jibda jiddiskuti *item* 9 ta' l-Aġenda tal-laqgħa.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda l-laqgħa tas-Sindki li saret fl-14 u fil-15 ta' Settembru 2007. F' din il-laqgħa sar rapport u diskussjoni dwar il-ġbir ta' skart domestiku. Il-Perit Lucien Stafrace għamel preżentazzjoni dwar il-fondi mill-MEPA.

9.02 Is-Sindku ġie ikkuntatjat mill-WasteServ Malta Ltd. fejn ġejna infurmati li ser jiżdiedu żewġt *bins* oħra mal-*Bring in Sites* tal-Munxar u Xlendi.

9.03 Is-Sindku ikkuntatja lill-Kumpanija Guard & Warden Service House Ltd. fejn infurmatu li huma kienu jagħtu servizz ta' *monitoring* ta' *Cameras* peress li trid tkun liċenzjat biex tagħti dan is-servizz.

Il-ħin kien il-4.45 ta' filgħaxija u s-Sur Mario Camilleri talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva ilment dwar is-siġar tal-Bajtar tax-Xewk u siġra taż-Żebbuġ li hemm maħruġ 'il barra t-triq viċin l-arkata tal-Wied tax-Xlendi. Ġie deċiż li s-Sindku jkellem lis-sidien biex jiżbru dawn is-siġar.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li issa li x-xogħol fuq it-tieni fażi tal-*Playing Field* kien ser jibda, għandu jiġi deċiż jekk il-pavimentar tal-*Playing Field* isir bil-*paving blocks* jew inkella b' *stenciled concrete* bħalma qed isiru l-bankini. Din il-materja kienet ser tiġi rreferuta lill-Perit peress li huwa proġettat li l-pavimentar ser ikun jifforma disinn.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li persuna li għandha d-dar fi Triq Marziena u li qed tkun tidher fuq il-*Web Cam* tal-Kunsill talab biex id-dar tiegħu ma tibqax tidher fuq il-*Web Cam* minħabba raġuni ta' Sigurta'. Bħala miżura temporanja, din il-*Web Cam* tħarrket biex tevita li tidher din id-dar. Ġie deċiż li jiġi iċċekkjat mal-Uffiċċju tad-Data Protection u jekk qed tinkiser xi liġi din il-*Web Cam* titneħħa immedjatament u jekk le, din għandha tibqa' kif kienet qabel.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar diversi ilmenti li kien irċieva matul ix-xhur li għaddew dwar lampi li ma jixgħelux fix-Xlendi. Huwa issuġġerixxa lill-Kunsill biex issir xi ħaġa għas-Sajf li ġej. Ġie deċiż li tintalab stima mingħand l-Inġinier Renzo Curmi biex isir studju dwar sistema moderna u effiċjenti ta' dawl fix-Xlendi.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima staqsa dwar il-ħaddiem *attached* peress li jonqos li jintbagħtu tnejn oħra u bħalissa ninsabu żvantaġġjati għal fejn Kunsilli oħra. Il-Kunsill kien ser jerġa' jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Patrick Grima issuġġerixxa biex il-Kunsill jitlob li ssir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex peress li għada ma saritx laqgħa minn meta nħatar il-Kunsill il-ġdid s'issa.

Is-Sur Patrick Grima enfasizza li l-Kunsill għandu jagħmel l-almu kollu biex fondi li suppost li jingħataw mill-MEPA dwar żvilupp fil-Munxar u Xlendi jingħataw biex isiru proġetti. Is-Sindku kien ser jerġa' jikteb lill-MEPA dwar din il-materja.

11.02 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet dwar dawk il-fondi li kellhom jingħataw mill-Iżviluppatur ta' l-ex Andar biex isiru bankini fi Triq il-Munxar. Is-Sindku informaha li l-Perit Saliba għadu ser jagħmel l-istima ta' dawn il-bankini.

Is-Sinjura Carmen Said ilmentat dwar il-qasab tal-Wied tax-Xlendi peress li dan qed imil fuq it-triq u għaldaqstant għandu bżonn jinqata'. Ġibdet l-attenzjoni dwar l-istat tal-*Bus Shelter* peress li għandha xi ħġieġ imkisser. Il-Kunsill kien diġa' rrapporta dan lill-Faces Consultants Ltd. peress li hija responsabbli mill-*Bus Shelters*.

Is-Sinjura Carmen Said infurmat lill-Kunsill li l-*Foreman* tal-Works Division ma jridx jagħmel bankina fi Triq il-Puniċi peress li preżentament il-kurduna hija għolja u ma jistax jagħmilha l-istess għoli. Hija issuġġerit li l-Kunsill jibdel il-wiċċ biss. Kien hemm qbil dwar dan.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku ippreżenta ritratt tar-rampa li qegħda fi Triq ix-Xlendi fejn qed jiġi mitlub mis-sid biex tinkesa bil-*concrete*. L-istima hija ta' Lm840 *(€1956.68)* provista ta' *concrete* biss. Ma kienx hemm qbil biex dan ix-xogħol isir.

12.02 B' referenza għal *e-mail* li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Maratona li ser issir b' risq id-dar magħrufa bħala 'Għabex', ġie deċiż li l-Kunsill jagħti donazzjoni ta' Lm10.00 *(€23.30)*.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 29 t' Ottubru 2007, fil-4.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***